MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 500/2013

**AB u CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti zzewgu gewwa Malta, fil-Parrocca ta' Birkirkara, fil-wiehed u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (21/04/1979) u dana skont l-anness certifikat immarkat Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, DW, fil-wiehed u tletin ta' Awwissu tas-sena elf disa` mija u disgha u sebghin (31/08/1979) u llum il-gurnata ghandha erbgha u tletin sena (34) u ghalhekk hija magorenni;
3. Illi r-rikorrenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Tabone datat, tmintax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija, sebgha u tmenin (18/11/1987) liema kopja awtentikata tal-kuntratt ta'

separazzjoni personali tinsab hawn anness u mmarkata bhala Dok. 'B'
4. Illi llum-il gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrenti jirrikonciljaw stante li ilhom ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena (25) separati minn xulxin. In oltre illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u addirittura ffurmaw rabtiet ohrajn ma' persuni ohra/familji godda;
5. Illi, in oltre, ir-rikorrenti ma ghandhom l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju stante li l-manteniment dejjem thallas mill-missier meta bintu kienet ghadha minuri, mentri l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reciproku a favur ta' xulxin;
6. Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul. Ghal dan il-ghan huma qeghdin jaghtu struzzjonijiet kongunti lill-avukat sottoskritt sabiex jirrapprezenta lit-tnejn li huma f'dawn il-proceduri;
7. Illi r-rikorrenti CB tixtieq illi tirriverti ghall-kunjom xbubitha ossia 'K';
8. Illi dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

(1) tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn AB u CB u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza id-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti AB u l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti CB;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti CB talbet sabiex tkun awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ K. Il-Qorti qeghda tilqa din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega f’dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-18 ta’ Novembru 1987 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------